MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Numru 548/1999

**PULIZIJA**
**SUP. PIERRE CALLEJA**
**SPT. WALTER SPITERI**

**VS**

**JESMOND PSAILA**

**Illum 21 ta’ Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Psaila ta’ 34 sena, iben Carmelo u Margerita nee’ Mizzi, imwieled Hal Ghaxaq nhat it-8 ta’ Novembru 1968, u residenti f’St. Mary Farmhouse, Triq il-Hareb, Ghaxaq, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 490868 M;

Talli f’Hal Ghaxaq, nhar is-6 ta’ Awissu, 1999, gahll-habta tas-6.30 pm, dolozament bil-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja ta’ hutu Manwel u Roderick Psaila u kif ukoll ta’ Sharon Hili f’perikolu ciar, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi spara tir t’arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni, liema delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellhu fil-pussess tieghu arma regolari (senter);

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar f’post pubbliku b’perikolu ghal terzi persuni.

Wara illi rat l-Artikoli 41(1)(a), 218, tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 24(2), 33(1), 29, 40 tal-Kapitolu 33;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet lix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Din il-Qorti fil-waqt li qeghda ssib lill-imputat Jesmond Psaila hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------